MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2009

Avviz Numru. 506/1998/1

**Joseph Cefai u b'digriet tat-18 ta' Jannar 2006 l-atti gew trasfuzi f'isem Maria Cefai, Frances (Francs) Zammit u Jesmond Micallef**

**Vs**

**General Manager Bank of Valletta u b'digriet tad-29 ta' Marzu 1999 dawn il-kliem gew sostitwiti bil-kliem "Bank of Valletta Ltd" u b'digriet tas-7 ta' Lulju 1998, il-kliem "Bank of Valletta Ltd jew sostitwiti b'"Bank of Valletta plc"**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur originali kien talab sabiex il-konvenut nomine jghid il-ghaliex ma ghandhux jkun ikkundannat li jirrifondi lura s-somma ta' hames mija sebgha u ghoxrin lira u seba' u disghin centezmu

(Lm527.97) dovuti lill-attur, somma rtirata indebitament mill-kont tieghu.

Bl-ispejjez, inkluz din ta' l-ittra ufficjali ta' Frar.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzonijiet tal-istess konvenut fil-kwalita ta' "General Manager" tas-socjeta' attrici (fol 6 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament ma tezisti l-ebda persuna legali bl-isem "General Manager" jew "General Manager Bank of Valletta" u ghalhekk kif ingunti l-eccipjenti ma humiex il-legittimi kontraditturi u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;
2. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, it-talba attrici hija wahda infondata fil-fatt u anzi imsejsa fuq qerq peress illi l-attur jaf ben tajjeb li s-somma ta' flus li qed jireklama ma tappartjeniex lil xi kont bankarju tieghu; l-attur infatti qed jinqeda bil-malintiz li sehh da parti tas-socjeta' Bank of Valletta p.l.c. sabiex jitlob dak li ma huwiex tieghu.

Rat l-imsemmi digrieti kif moghtija (fol 16 sa fol 23 ibid) u fol 116 sa fol 119 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 107 ibid.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in rigward <u>l-ewwel (1) eccezzjoni</u> kif sottomessa din giet sorvolata permezz tad-digriet korretorju moghti fid-29 ta' Marzu 1999 u ghalhekk din il-Qorti mhix ser tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezzjoni.

<u>Ikkunsiderat</u>

Illi, in rigward il-meritu, <u>l-attur</u> li miet fil-mori ta' din il-kawza, xehed (fol 10, fol 92 u fol 106 et seq ibid) illi fil-fergha tal-"Bank of Valletta Ltd" f'Misrah il-Palazz fil-Belt

Valletta hu kellu kont kurrenti u fih, fl-ahhar tas-sena' 1996 hu jsostni li kien hemm bilanc ta' Lm527.97. Dwar dan, hu ppresenta id-dokument ossija rendikont bankarju (a fol 12 ibid) vis-à-vis il-kont kurrenti tal-attur numru 132-0029401-4 u minnu, filfatt ,jidher illi fil-31 ta' Dicembru, 1997, kien hemm bilanc ta' Lm520.75; illi fl-24 ta' April 1997, kien sar depositu ta' Lm5.22 u matul Mejju tal-istess sena, iehor ta' Lm50 (ara ukoll fol 13 ibid) waqt li fl-24 ta' April 1997 kien hemm zbank ('withdrawal") ta' Lm525.97, presumibilment l-ammont mitlub, in refusjoni. L-attur kompla billi qal "…sa Mejju tas-sena' 1997, kont poggejt xi flus fil-kont kurrenti l-iehor li ghandi fl-istess Bank". Meta kien ircieva l-istess rendikont imsemmi fl-ahhar tas-sena 1997, kien induna illi kien sar 'ball" cjoe l-imsemmi zbank in vista li hu kien cert li "qatt ma kont gbid(t) l-…… (Lm525.97) fl-24 ta' April 1997 u zied jghid dwar dan illi "… kieku dan kien hekk minhabba l-prassi tal-bank, qatt ma xtaqt nhalli l-kont vojt lanqas ghall-gurnata …". Ghalhekk kien tkellem ma' "certu Sur Tabone" u nformah dwar dan l-izball in vista li qatt ma kien ghamel sbank ta' Lm525.97, kif hemm imnizzel fl-istess rendikont (ara ukoll il-kliem, fuq l-istess rendikont, "He did not withdraw money" (kif miktubin). Dwar dan l-inkontru, l-istess "Sur Tabone" u mpjegati ohra tal-Bank ma setghux jifhmu x'gara u filfatt ma kellhom l-ebda dokument in konnessjoni ma dan l-izbank. Sussegwentement, wara certu zmien sabiex jsiru il-verifiki mill-istess Bank, kien sar inkontru ma' Raymond Seychell u flimkien ma dan kien mar ghand 'is-Sur Tabone" u dan urieh "withdrawal receipt" "… li qal li keinet tieghu". Pero l-attur jsostni li dan id-dokument ossija "… l-ircevuta ma kienitx turi l-firma tieghu" izda "… firma ta' haddiehor" u difatti hu kien wera l-karta tal-identita tieghu u kien jidher li l-firem fuq dawn iz-zewg dokumenti ma kienux jaqblu. Difatti l-ircevuta, skond ma kien intqal lilu, kienet skond l-attur u skond kif intqal lilu, ta' "… certu Joseph Cefai", persuna ohra li kienet mietet.

Illi, in sostenn ta' dak li xehed l-attur pproduca bhala xhud lill-imsemmi Raymond Seychell (fol 34 u fol 35 ibid) u dan, wara li semma' illi l-kwistjoni li kellu l-attur, habib tieghu, kienet in konnessjoni ma depositu f'xi kont, liema Bank, li meighu x-xhud kien deskritt mill-attur bhala persuna

gholja fl-istess Bnak, kien skopra, wara li ma kienx tal-attur izda ta' persuna ohra, mejta, kien ha l-istess attur ghand Paul Tabone izda waqt din il-laqgha, dan ix-xhud ma kienx presenti l-hin kollu. Inoltre gie prodott u anness "affidavit" tal-istess Paul Tabone (fol 40 ibid) u qal li din il-kwistjoni kienet tinvolvi kontijiet ta' zewg persuni bl-istess isem cjoe Joseph Cefai, wiehed minnhom gja mejjet.

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta' konvenuta bdiet il-provi taghha billi pproduciet lil John Cefai (fol 72 et seq ibid) bin Joseph Cefai, mejjet izda li kien jirrisjedi go appartament Triq Sant'Anna fil-Furjana. L-istess missieru kellu kont kurrenti fil-fergha tal-istess Bank f'Triq ir-Repubblika, fil-Belt Valletta b'kontijiet ohrajn, fissi fil-fergha ta' Misrah il-Palazz. L-istess xhud esebixxa ktieb ta' kont tat-tip "savings" li kien detenut minn missieru u li kien inghalaq, ghal kollox wara l-mewt ta' dan, li kellu karta tal-identita numru 467502(M). Dwar l-istess kont jigi notat illi bhala l-ahhar 'entry' hemm id-data "24/4/07" bl-ammont ta' Lm525.97. Inoltre fid-19 ta' April, ix-xhud u hutu, Miriam Scalpello, u Godfrey Cefai, kienu zbankaw il-flus kollha li missierhom kellu depositati mal-istess Bank.

Illi, Anna Depasquale Schranz (fol 80 u fol 81 ibid) kif ukoll fol 104 et seq ibid "manager" tal-fergha ta' Misrah il-Palazz meta xehdet anke b'affidavit din specifikat illi fl-istess fergha kien hemm zewg kontijiet fuq isem:-

a) Joseph Cefai (karta tal-identita numru 467502(M), residenti fil-Furjana u aventi kont numru 12862 li nbidel f'324003347 u
b) Joseph Cefai (l-attur) residenti fl-indirizz specifikat fl-avviz in esami u aventi l-karta tal-identita numru 649227(M) waqt li l-kont tieghu kien 324139567.

Inoltre in-numru tal-istess kontijiet taz-zewg persuni involuti kienu nbidlu ulterjorment wara li kienet giet introdotta u saret il-komputerizzazzjoni fil-kontijiet kollha. Pero' cjononostanti l-'statements' ta' dawn il-kontijiet kienu qed jintbaghtu, bil-posta fl-indirizz tal-attur. Ix-xhud

kompliet tghid illi, meta qamet il-problema mal-attur, l-eredi tal-mejjet Joseph Cefai kienu ppproducew il-kont ‘savings’ bin-numru kif modifikat ossija 1320029401 gja 324003347 gja 2862 li kien gie maghluq (ara ix-xhieda tal-imsemmi John Cefai ‘supra”). Ghalhekk, minn dawn l-indagnijiet kollha, kien irrisulta l-kont u l-flus involuti ma kienu jappartjenu lill-attur izda kienu jifformaw parti mill-assi ereditarji tal-mejjet Joseph Cefai (ara ukoll id-dokumenti annessi mis-socjeta’ konvenuta a fol 95 et seq ibid u li jirreferi ghall-likwidazzjoni tal-assi ereditarji tal-mejjet Joseph Cefai detenuti mal-Bank konvenut).

Ikkunsidrat

Illi, mill-provi jidher car illi l-ammont mitlub fl-avviz in esami ma kienx jappartjeni lill-attur izda kien jifforma parti mill-wirt tal-mejjet Joseph Cefai. Difatti, b’referenza ghar-rendikont esebit mill-attur a fol 12, dan kien jirreferi ghall-kont ‘savings’ detenut minn Joseph Cefai, mejjet, waqt li l-istess rendikont kien intbaghat, bi zball, lill-attur (ara l-ktieb esebit a fol 74 b’firma fuq l-ewwel l-ewwel faccata li ma hiex tal-attur kif jidher a fol 93 ibid)). Jekk wiehed jara d-dokumenti a fol 109, jigi kontestat illi l-attur kellu kont “savings” numru 132-0029402-7 b’bilanc kif hemm muri u li fih gew ukoll depositati il-Lm50, bl-imghax, li originarjament kienu gew depositati fil-kont ‘savings’ imsemmi appartamenti lill-mejjet.

Illi din il-Qorti kienet ukoll tinstenna illi l-attur jgib xi dokumenti li juru kif u meta l-ammont pretiz minnu fl-avviz kien gie depositat fil-kont tieghu. Hu facli li wiehed jghid, kif xehed l-attur a fol 93 ibid, illi “Jiena fittixtu (l-‘passbook”) pero kont qattajtu. Kont bdejt inqattu l-karti u bi zball qattajt il-‘Pass Book” ukoll. Illi, ghalhekk , it-talba attrici ghandha tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talba attrici bl-ispejjes kollha jithallsu mill-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------